Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,406, 15 ta' Mejju, 2020

Taqsima B

A.L. 193 tal-2020

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.18.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "id-Direttiva" tiegħu, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "id-Direttiva" tfisser id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzi tas-sewqan, kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/113/KE tal-25 ta' Awwissu, 2009, bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/94/UE tat-28 ta' Novembru, 2011, bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/36/UE tad-19 ta' Novembru, 2012, id-Direttiva tal-Kunsill 2013/22/UE tat-13 ta' Mejju 2013, id-Direttiva tal-Kummissjoni 2013/47/UE tat-2 ta' Ottubru, 2013, u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/85/UE tal-1 ta' Lulju, 2014, d-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/653 tal-24 ta' April, 2015 u d-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2018/645/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "id-Direttiva 2002/24/KE" tiegħu, għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

"Direttiva 2003/59/KE" tfisser id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill dwar il-kwalifika inizjali u t-taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi fit-triq għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/ KEE;".

Jissostitwixxi r-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Sewwieqa li huma eżenti.

28. Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 27 ma għandhomx japplikaw għas-sewwieqa ta':

(a) vetturi b'veloċità awtorizzata massima li ma teċċedix il-ħamsa u erbgħin (45) kilometru fis-siegħa;

(b) vetturi użati mill-forzi armati, id-difiża ċivili, is-servizz tat-tifi tan-nar u salvataġġ, il-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku, u s-servizzi ta' emerġenza bl-ambulanza, jew taħt il-kontroll tagħhom, meta l-ġarr isir bħala konsegwenza tal-kompiti assenjati lil dawk is-servizzi;

(ċ) vetturi li jkunu qegħdin jiġu ttestjati fit-triq għal skopijiet ta' żvilupp tekniku, tiswija jew manutenzjoni, jew ta' sewwieqa ta' vetturi ġodda jew mibnija mill-ġdid u li jkunu għadhom ma bdewx jintużaw biex jagħtu servizz;

(d) vetturi li għalihom hija meħtieġa liċenzja tas-sewqan tal-kategorija D jew D1 u li huma misjuqa mingħajr passiġġieri minn persunal tal-manutenzjoni lejn jew minn ċentru ta' manutenzjoni li jkun jinsab fil-viċinanza tal-eqreb bażi ta' manutenzjoni li tintuża mill-operatur tat-trasport, bil-kondizzjoni li s-sewqan tal-vettura ma tikkostitwixxix l-attività prinċipali tas-sewwieq;

(e) vetturi użati fi stati ta' emerġenza jew assenjati għal missjonijiet ta' salvataġġ, inklużi vetturi użati fit-trasport mhux kummerċjali ta' għajnuna umanitarja;

(f) vetturi użati għall-istruzzjoni fis-sewqan u l-eżami tiegħu għal kwalunkwe persuna li tkun tixtieq tikseb liċenzja tas-sewqan jew Ċertifikat ta' Kompetenza Professjonali (CPC), f'konformità mar-regolament 29, sakemm ma jkunux qed jintużaw għall-ġarr kummerċjali ta' merkanzija u passiġġieri;

(g) vetturi użati għall-ġarr mhux kummerċjali ta' passiġġieri jew merkanzija; u

(h) vetturi li jkunu qed iġorru materjal, tagħmir jew makkinarju li jkun se jintuża mis-sewwieqa matul il-ħidma tagħhom, sakemm is-sewqan tal-vetturi mhux l-attività prinċipali tas-sewwieqa:

Iżda li, il-paragrafu (f), ma għandux japplika għall-ebda persuna li tkun tixtieq tikseb liċenzja tas-sewqan jew Ċertifikat ta' Kompetenza Professjonali (CPC), f'konformità mar-regolament 29, meta dik il-persuna tkun qed tieħu taħriġ addizzjonali fis-sewqan waqt tagħlim ibbażat fuq il-post tax-xogħol, dment li dik il-persuna tkun akkumpanjata minn persuna oħra ċċertifikata b'Ċertifikat ta' Kompetenza Professjonali (CPC), jew minn għalliem tas-sewqan, għall-kategorija tal-vettura użata għall-iskop stabbilit f'dak il-paragrafu.".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, fil-partita "B", taħt il-kolonna bl-intestatura "Klassi ta'vettura", il-kliem minn "Vetturi bil-mutur" sa "jew triċikletta", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem:

"Vetturi bil-mutur b'massa awtorizzata massima ta' mhux iżjed minn tlett elef u ħames mija (3,500) kg u maħsuba u mibnija għall-ġarr ta' mhux aktar minn tmien (8) passiġġieri minbarra s-sewwieq; vetturi bil-mutur f'din il-kategorija jistgħu jingħaqdu ma' karru li jkollu massa awtorizzata massima li ma tkunx iżjed minn seba' mija u ħamsin (750) kg.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regoli dwar l-approvazzjoni tat-tip għal-vetturi konċernati, vetturi bil-mutur f'din il-kategorija jistgħu jingħaqdu ma' karru li jkollu massa awtorizzata massima li tkun iżjed minn seba' mija u ħamsin (750) kg, iżda l-massa awtorizzata massima tal-vettura mgħaqqda mal-karru ma tkunx taqbeż erba' t'elef, mitejn u ħamsin (4,250) kg. Meta vettura mgħaqqda ma' karru taqbeż tlett

elef u ħames mija (3,500) kg hi għandha tiġi misjuqa biss minn sewwieq li jkun għadda mit-test ta' ħila u mġiba skont l-Anness V tad-Direttiva.

Vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE b'massa awtorizzata massima ta' aktar minn tlett elef u ħames mija (3,500) kg iżda mhux aktar minn erba' t'elef, mitejn u ħamsin (4,250) kg għat-trasport ta' merkanzija, operati mingħajr karru minn detenturi ta' liċenzja tas-sewqan tal-kategorija B li tkun inħarġet mill-inqas sentejn (2) qabel, dment li l-massa li taqbeż it-tlett elef u ħames mija (3,500) kg tkun dovuta esklużivament għall-eċċess ta' massa tas-sistema ta' propulsjoni meta mqabbla mas-sistema ta' propulsjoni ta' vettura tal-istess dimensjonijiet, mgħammra b'magna tal-kombustjoni interna konvenzjonali bi tqabbid bl-ispark plaggs jew bil-kompressjoni, u bil-kondizzjoni li ma tiżdiedx il-kapaċità tat-tagħbija fir-rigward tal-istess vettura.

Triċikletti bil-mutur b'qawwa ta' iżjed minn ħmistax (15)kW sakemm id-detentur tal-liċenza jkollu għall-inqas wieħed u għoxrin (21) sena.

Motorcycles jew triċikletti elenkati taħt il-Kodiċi 111 fis-Seba' Skeda jekk id-detentur ikun segwa kors ta' taħriġ ta' għaxar (10) sigħat organizzat minn skola tat-tagħlim tas-sewqan li jkollha liċenza kif tippreskrivi l-Awtorità u jkun inħariġlu ċertifikat fi tmiem l-imsemmi kors. Id-detentur ma għandux jġorr xi passiġġier waqt li jkun qed isuq il-motorcycle jew it-triċikletta.".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. Fil-Kolonna 2 bl-intestatura "Età" fil-paragrafu (b) tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, fir-ringiela relattiva għall-Kategorija D1, D1E, in-numru "20" għandu jiġi sostitwit bin-numru "21".

Jissostitwixxi t-Tlettax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. It-Tlettax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"IT-TLETTAX-IL SKEDA
(Regolamenti 29, 30)

Rekwiżiti minimi ta' kwalifika u taħriġ

Taqsima 1: Lista ta' suġġetti

1. Il-konoxxenza li għandha tittieħed f'konsiderazzjoni biex tkun stabbilita l-kwalifika tal-bidu tas-sewwieq u t-taħriġ

perjodiku għandha tinkludi għall-anqas is-suġġetti elenkati. Sewwieqa fuq taħriġ għandhom jilħqu l-livell ta' konoxxenza u kompetenza prattika meħtieġa biex ikunu jistgħu jsuqu fil-vetturi kollha ta' sigurtà tal-kategoriji tal-liċenzi rispettivi.

Taħriġ avvanzat f'sewqan razzjonali bażat fuq regolamenti dwar sigurtà

Il-liċenzi kollha

1.1 Skop: biex ikunu magħrufa l-karatteristiċi tas-sistema ta' trasmissjoni biex ikun jista' jsir l-aħjar użu minnha:

kurvi relatati max-xaft, qawwa u konsum speċifiku ta' makna, żona għall-aħjar użu ta' l-apparat li jgħodd id-dawran tal-makna, dijagramma tal-koperatura tal-proporzjon tal-kaxxa ta' l-ingranaġġ.

1.2 Objettiv: biex ikunu magħrufa l-karatteristiċi tekniċi u l-operat tal-kontrolli tas-sikurezza, sabiex ikun hemm kontroll tal-vettura, jitnaqqas it-tkabbir bl-użu, u biex il-vettura ma taħdimx ħażin:

limiti għall-użu tal-brejkijiet u r-retarder, użu kkombinat tal-brejkijiet u r-retarder, isir użu aħjar tal-proporzjon bejn il-veloċità u l-gerijiet, isir użu tal-inerzja tal-vettura, jintużaw modi biex tonqos il-veloċità u jintużaw il-brejkijiet fuq il-mogħdijiet għan-niżla, azzjoni fil-każ ta' falliment, użu tal-apparat elettroniku u mekkaniku bħall-Programm Elettroniku tal-Istabbiltà (ESP), is-Sistema Avvanzata tal-Brejk ta' Emerġenza (AEBS), is-Sistema Antilokk tal-Ibbrejkjar (ABS), is-Sistemi ta' Kontroll tat-Trazzjoni (TCS) u s-Sistemi ta' Monitoraġġ fil-Vettura (IVMS) u oħrajn, approvati għall-użu, apparat ta' assistenza għas-sewwieq jew awtomatizzazzjoni.

1.3 Objettiv: kapaċità li jiġi ottimizzat il-konsum tal-fjuwil:

ottimizzazzjoni tal-konsum tal-fjuwil permezz tal-applikazzjoni tal-għarfien fir-rigward tal-punti 1.1 u 1.2, l-importanza li jiġi antiċipat il-fluss tat-traffiku, id-distanza xierqa minn vetturi oħra u l-użu tal-momentum tal-vettura, veloċità stabbli, stil ta' sewqan kalm u pressjoni tat-tajers adattata, u familjarità mas-sistemi tat-trasport intelliġenti li jtejbu l-effiċjenza fis-sewqan u jassistu fl-ippjanar tar-rotta.

1.3a. Objettiv: kapaċità ta' antiċipazzjoni, valutazzjoni u

adattament għar-riskji tat-traffiku:

li wieħed ikun konxju u jadatta għal kundizzjonijiet differenti tat-triq, it-traffiku u t-temp, jantiċipa l-avvenimenti futuri; li wieħed jifhem kif iħejji u jippjana vjaġġ f'kondizzjonijiet tat-temp mhux tas-soltu; li wieħed ikun familjari ma' kif jintuża t-tagħmir ta' sikurezza relatat u jifhem meta vjaġġ ikun irid jiġi pospost jew ikkanċellat minħabba kondizzjonijiet tat-temp estremi; li wieħed jadatta għar-riskji tat-traffiku, inkluża l-imġiba perikoluża jew distratta waqt is-sewqan (l-użu ta' apparat elettroniku, l-ikel, ix-xorb, eċċ.); li wieħed jinduna b'sitwazzjonijiet perikolużi u jadatta għalihom, u li wieħed ikun kapaċi jikkontrolla t-tensjoni li tirriżulta minn dawn is-sitwazzjonijiet, b'mod partikolari b'rabta mad-daqs u l-piż tal-vetturi u l-vulnerabbiltà tal-utenti stradali, bħall-persuni mexjin, iċ-ċiklisti u s-sewwieqa tal-muturi; li wieħed jidentifika s-sitwazzjonijiet perikolużi possibbli u jinterpreta sew kif dawn is-sitwazzjonijiet potenzjalment perikolużi jistgħu jirriżultaw f'sitwazzjonijiet fejn wieħed ma jkunx jista' jevita ħabta u jagħżel u jimplimenta azzjonijiet li jżidu l-marġni tas-sikurezza sa tali punt li ħabta xorta waħda tista' tiġi evitata fil-każ li jkun hemm okkorrenza tal-perikoli potenzjali.

Liċenzi Ċ, Ċ+E, Ċ1, Ċ1+E

1.4. Objettiv: kapaċità li l-vettura titgħabba skont ir-regoli tas-sikurezza u l-użu korrett tal-vettura:

forzi li jaffettwaw lill-vetturi mexjin, użu ta' rapporti tal-gearbox skont it-tagħbija tal-vettura u l-għamla tat-triq, użu ta' sistemi ta' trażmissjoni awtomatika, kalkolu tat-tagħbija li jista' jinġarr minn vettura jew grupp ta' vetturi, kalkolu tal-volum totali, distribuzzjoni tat-tagħbija, konsegwenzi ta' tagħbija żejda fuq il-fus, stabbiltà tal-vettura u ċentru tal-gravità, tipi ta' imballaġġ u paletti; kategoriji ewlenin ta' merkanzija li jeħtieġu jkunu stivati, u metodi ta' rbit bil-klamp u stivar, użu ta' ċineg għall-istivar, kontroll ta' tagħmir ta' stivar, użu ta' tagħmir ta' tqandil, tqegħid u tneħħija ta' inċirajjet.

Liċenzi D, D+E, D1, D1+E, f

1.5. Objettiv: kapaċità li jkunu assigurati l-kumdità u s-sigurtà tal-passiġġieri:

adattament tal-movimenti trasversali u longitudinali, tqassim tat-triq, pożizzjoni fit-triq, użu bil-mod tal-brejks, id-dinamika tal-isporġenti, l-użu ta' infrastrutturi speċifiċi (żoni pubbliċi, linji

tat-triq riżervati), kontroll ta' konflitt bejn sigurtà fis-sewqan u funzjonijiet oħra tas-sewwieq, interazzjoni mal-passiġġieri, speċifiċitajiet ta' ċerti gruppi ta' passiġġieri (persuni b'diżabiltà, tfal).

1.6. Objettiv: kapaċità li l-vettura titgħabba skont ir-regoli tas-sikurezza u l-użu korrett tal-vettura:

forzi li jaffettwaw lill-vetturi mexjin, użu ta' rapporti tal-gearbox skont it-tagħbija tal-vettura u l-għamla tat-triq, użu ta' sistemi tat-trażmissjoni awtomatika, kalkolu tat-tagħbija li tista' ġġorr vettura jew grupp ta' vetturi, distribuzzjoni tat-tagħbija, konsegwenzi ta' tagħbija żejda fuq il-fus, stabbiltà tal-vettura u ċentru ta' gravità.

2. Applikazzjoni tar-regolamenti

Il-liċenzi kollha

2.1 Objettiv: għarfien tal-ambjent soċjali tat-trasport stradali u r-regoli li jirregolawh:

perijodi massimi ta' xogħol speċifiċi għall-industrija tat-trasport; prinċipji, applikazzjoni u konsegwenzi tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; penali għan-nuqqas ta' użu, użu skorrett u tbagħbis tat-takografu; tagħrif dwar l-ambjent soċjali tat-trasport stradali: drittijiet u dmirijiet tas-sewwieqa fir-rigward tal-kwalifika inizjali u t-taħriġ perjodiku.

Liċenzi Ċ, Ċ+E, Ċ1, Ċ1+E

2.2 Objettiv: għarfien tar-regolamenti li jirregolaw il-ġarr ta' merkanzija:

liċenzji għal operazzjonijiet ta' trasport, dokumenti li jridu jinġarru fil-vettura, projbizzjonijiet fuq lużu ta' ċerti toroq, tariffi għall-użu tat-toroq, obbligi taħt kuntratti standard għall-ġarr ta' merkanzija, tfassil ta' abbozzi ta' dokumenti li jikkostitwixxu l-kuntratt ta' trasport, permessi ta' trasport internazzjonali, obbligi taħt il-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt għall-Ġarr Internazzjonali ta' Merkanzija bit-Triq, abbozz tan-nota ta' kunsinna internazzjonali, qsim ta' fruntieri, kummissjonarji ta' trasport, dokumenti partikolari li jakkumpanjaw il-merkanzija.

Liċenzi D, D+E, D1, D1+E, f

2.3 Objettiv: biex ikunu magħrufa r-regolamenti li jirregolaw

il-ġarr tal-passiġġieri:

il-ġarr ta' gruppi speċifiċi ta' passiġġieri, tagħmir tas-sigurtà fil-vetturi kbar, iċ-ċintorini tas-sigurtà, it-tagħbija tal-vettura.

3. Saħħa, sigurtà fit-triq u sigurtà ambjentali, servizz, loġistika

Il-liċenzi kollha

3.1 Skop: biex is-sewwieqa jsiru konxji mir-riskji fit-triq u minn aċċidenti fil-post tax-xogħol:

tipi ta' aċċidenti waqt ix-xogħol fis-settur tat-trasport, statistika dwar aċċidenti stradali, l-involviment ta' trakkijiet u coaches, effetti umani, effetti materjali u finanzjarji.

3.2 Skop: kapaċità li żżomm 'il bogħod il-kriminalità u t-traffikar ta' immigranti illegali:

tagħrif ġenerali, l-implikazzjonijiet għas-sewwieqa, miżuri ta' prevenzjoni, lista ta' verifiki, leġislazzjoni dwar ir-responsabbiltà ta' l-operatur tat-trasport.

3.3 Skop: kapaċità li ma jitħallewx li jkun hemm riskji fiżiċi:

prinċipji ergonomiċi; movimenti u qagħdiet li jikkostitwixxu riskju, kondizzjoni fiżika tajba, eżerizzji dwar immaniġġjar, protezzjoni personali.

3.4 Skop: biex ikun hemm għarfien dwar l-importanza tal-kapaċità fiżika u mentali:

il-prinċipji ta' ikel tajjeb u bilanċjat, l-effetti tax-xorb alkoħoliku, drogi jew xi sustanza oħra li tista' taffettwa l-imġiba, sintomi, kawżi, effetti ta' għejja u tensjoni, rwol fundamentali taċ-ċirklu bażiku tax-xogħol u serħan.

3.5 Skop: kapaċità li tivvaluta sitwazzjonijiet ta' emerġenza:

imġiba f'sitwazzjoni ta' emerġenza: valutazzjoni tas-sitwazzjoni, kif tevita komplikazzjonijiet ta' aċċident, talba għal assistenza, assistenza lill-midrubin u l-għoti ta' l-ewwel għajnuna, reazzjoni f'każ ta' ħruq, evakwazzjoni ta' passiġġieri minn trakkijiet u vetturi kbar tal-passiġġieri, kif tiżgura s-sigurtà tal-passiġġieri kollha, reazzjoni f'każ ta' aggressjoni; prinċipji bażiċi għat-tfassil ta' rapport dwar aċċident.

3.6 Skop: kapaċità li tkun adottata mġiba li tgħin iġġib ’il quddiem il-fama tal-kumpannija:

l-imġiba tas-sewwieq u l-fama tal-kumpannija: l-importanza għall-kumpannija tal-kwalità tas-servizz li jagħti s-sewwieq, ir-rwoli tas-sewwieq, il-persuni li ser jkollu x’jaqsam magħhom fix-xogħol tiegħu s-sewwieq, il-manutenzjoni tal-vetturi, l-organizzazzjoni tax-xogħol, l-effetti kummerċjali u finanzjarji ta’ tilwima.

Liċenzi Ċ, Ċ+E, Ċ1, Ċ1+E

3.7 Objettiv: għarfien tal-ambjent ekonomiku tat-trasport stradali tal-merkanzija u l-organizzazzjoni tas-suq:

trasport stradali b’rabta ma’ metodi oħra ta’ trasport (kompetizzjoni, spedituri), attivitajiet differenti ta’ trasport stradali (trasport għall-kiri jew bi ħlas, f’isem il-persuna, attivitajiet ta’ trasport awżiljari), organizzazzjoni tat-tipi ewlenin ta’ kumpannija tat-trasport u attivitajiet ta’ trasportawżiljari, speċjalizzazzjonijiet differenti ta’ trasport (bawżer, temperatura kkontrollata, merkanzija perikoluża, trasport ta’ annimali, eċċ.), tibdil fl-industrija (diversifikazzjoni ta’ servizzi mogħtija, trasport stradali u ferrovjarju kkombinat, sottokuntrattar, eċċ.).

3.8. Objettiv: għarfien tal-ambjent ekonomiku tal-ġarr ta’ passiġġieri bit-triq u l-organizzazzjoni tas-suq:

ġarr ta’ passiġġieri bit-triq b’rabta ma’ metodi oħra ta’ trasport ta’ passiġġieri (ferrovija, karozza privata), attivitajiet differenti li jinvolvu ġarr ta’ passiġġieri bit-triq, sensibilizzazzjoni dwar id-diżabilità, qsim ta’ fruntieri (trasport internazzjonali), organizzazzjoni tat-tipi ewlenin ta’ kumpanniji għall-ġarr ta’ passiġġieri bit-triq.

Taqsima 2: il-kwalifika tal-bidu obbligatorja kif hemm maħsub fir-regolament 29

L-Awtorità jew xi entità mqabbda minnha għandha torganizza t-testijiet tat-teorija u tal-prattika li ġejjin biex tivverifika jekk is-sewwieq li jkun qed jitħarreġ ikollux il-livell ta’ konoxxenza meħtieġ fit-Taqsima 1 fis-suġġetti u fl-oġġettivi msemmija fiha.

(a) It-test tat-teorija għandu jkun jikkonsisti f’għall-anqas żewġ partijiet:

(i) mistoqsijiet li jkunu jinkludu mistoqsijiet b’għażla multipla, mistoqsijiet li jkunu jeħtieġu tweġiba

diretta, jew taħlita tat-tnejn;

(ii) studju ta' każi.

It-test tat-teorija għandu jieħu għall-anqas erba' sigħat.

(b) It-test prattiku għandu jikkonsisti f'żewġ partijiet:

(i) test tas-sewqan maħsub biex jassessja t-taħriġ fis-sewqan razzjonali bbażat fuq regolamenti tas-sigurtà. It-test għandu jsir, kull meta possibbli, f'toroq lil hinn minn żoni urbani, f'toroq li jippermettu sewqan u f'awtostradi (jew toroq simili), u f'kull xorta ta' toroq ewlenin urbani li jippreżentaw kull xorta ta' diffikultajiet li sewwieq jista' jiltaqa' magħhom. Ikun aħjar jekk dan it-test isir f'kondizzjonijiet differenti ta' densità ta' traffiku. Il-ħin tas-sewqan fit-triq għandu jintuża bl-aħjar mod biex il-kandidat jiġi assessjat fiż-żoni kollha tat-traffiku li jista' jkun fihom. It-test għandu jieħu għall-anqas 90 minuta;

(ii) test prattiku li jkopri għall-anqas il-paragrafi 1.4, 1.5, 1.6, 3.2, 3.3 u 3.5.

It-test għandu jieħu għall-anqas 30 minuta.Il-vettura li tintuża għat-test prattiku għandha tissodisfa għall-anqas ir-rekwiżiti ta' vetturi tat-testijiet kif imfisser fit-Tielet Skeda.

Mat-test prattiku jista' jsir ukoll it-tielet test li jsir fuq terren speċjali jew fuq simulatur ta' l-aħjar kwalità biex jiġi assessjat it-taħriġ f'sewqan razzjonali bbażat fuq regolamenti tas-sigurtà, partikolarment fir-rigward ta' kif il-vettura għandha tiġi mmaniġġjata f'kondizzjoni tat-triq differenti u l-mod kif dawn jinbidlu skond kondizzjonijiet atmosferiċi differenti u l-ħin tal-jum jew tal-lejl.

M'hemmx ħin ta' kemm għandu jieħu dan it-test. Jekk is-sewwieq jagħmel dan it-test, il-ħin li jieħu jista' jitnaqqas mid-90 minuta tat-test tas-sewqan imsemmi fil-(i), iżda l-ħin li jitnaqqas ma jistax ikun aktar minn 30 minuta.

Fir-rigward ta' sewwieqa ġodda, it-test tat-teorija għandu jkun limitat għas-suġġetti, imsemmija fit-Taqsima 1, li huma rilevanti għall-vetturi li għalihom tapplika l-kwalifika inizjali ġdida. Dawk is-sewwieqa, iżda, għandhom jagħmlu t-test prattiku sħiħ.

Taqsima 3: Taħriġ perjodiku obbligatorju

Ċentru approvat tat-taħriġ irid jorganizza korsijiet ta' taħriġ

perjodiku obbligatorji. Id-durata tagħhom trid tkun ta' 35 siegħa kull ħames snin, mogħtija f'perijodi ta' mill-anqas seba' sigħat, li jistgħu jinqasmu fuq mhux inqas minn jumejn konsekuttivi. Kull meta jintuża t-tagħlim elettroniku, iċ-ċentru tat-taħriġ approvat għandu jiżgura li tinżamm il-kwalità xierqa tat-taħriġ, inkluż billi jagħżel is-suġġetti fejn l-għodod tal-ICT jistgħu jintużaw bl-aktar mod effikaċi. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu l-identifikazzjoni affidabbli tal-utent u mezzi ta' kontroll xierqa. Id-durata massima tat-taħriġ permezz tat-tagħlim elettroniku ma għandhiex taqbeż 12-il siegħa. Tal-inqas wieħed mill-perijodi tal-kors tat-taħriġ għandu jkopri suġġett marbut mas-sikurezza stradali. Il-kontenut tat-taħriġ għandu jqis il-ħtiġijiet tat-taħriġ speċifiċi għall-operazzjonijiet tat-trasport imwettqa mis-sewwieq u l-iżviluppi legali u teknoloġiċi rilevanti u għandu, kemm jista' jkun, iqis il-ħtiġijiet tat-taħriġ speċifiċi tas-sewwieq. Fuq medda ta' 35 siegħa għandha tiġi koperta firxa ta' suġġetti differenti, inkluż taħriġ ripetut fejn jintwera li s-sewwieq ikun jeħtieġ taħriġ korrettiv speċifiku.

Taqsima 4: Approvazzjoni tal-kwalifika inizjali u t-taħriġ perjodiku

4.1. Iċ-ċentri ta' taħriġ li jieħdu sehem fil-kwalifika inizjali u fit-taħriġ perjodiku għandhom ikunu approvati mill-Awtorità. L-approvazzjoni tista' tingħata biss wara li ssir applikazzjoni bil-miktub. Flimkien ma' l-applikazzjoni għandhom jiġu preżentati d-dokumenti li ġejjin:

4.1.1. programm xieraq għall-kwalifika u t-taħriġ li jkun jispeċifika s-suġġetti mgħallma u li jistabbilixxi l-pjan ta' implimentazzjoni propost u l-metodi tat-tagħlim;

4.1.2. il-kwalifiki u l-oqsma ta' attività tal-għalliema;

4.1.3. tagħrif dwar il-post fejn ikunu ser jingħataw il-korsijiet, il-materjali jkun ser jintuża għat-tagħlim, ir-riżorsi disponibbli għat-taħriġ prattiku, u l-flotta ta' vetturi li tkun ser tintuża;

4.1.4. il-kondizzjonijiet li jirrigwardaw il-parteċipazzjoni fil-korsijiet (numru ta' parteċipanti).

4.2. L-Awtorità tista' tagħti l-approvazzjoni bil-mitkub soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

4.2.1. it-taħriġ għandu jingħata skond id-dokumenti li jkunu ġew preżentati ma' l-applikazzjoni;

4.2.2. l-Awtorità għandha tkun tista' tibgħat persuni awtorizzati biex jassistu fil-korsijiet ta' taħriġ taċ-ċentri approvati, u għandha tkun tista' ssegwi mill-qrib l-imsemmija ċentri, fir-rigward tar-riżorsi li jkunu qed jintużaw u t-tmexxija kif xieraq tal-korsijiet ta' taħriġ u t-testijiet;

4.2.3. l-approvazzjoni tista' tiġi rtirata jew sospiża jekk il-kondizzjonijiet li taħthom tinħareġ l-approvazzjoni ma jibqgħux jiġu sodisfatti aktar.

Iċ-ċentru approvat għandu jiggarantixxi li l-għalliema jkollhom konoxxenza tajba tar-regolamenti l-aktar reċenti u tar-rekwiżiti tat-taħriġ. Bħala parti minn proċedura speċifika ta' għażla, l-għalliema għandhom jipprovdu ċertifikat li jkun juri konoxxenza kemm tas-suġġett u wkoll tal-metodi tat-tagħlim. Fir-rigward tal-parti prattika tat-taħriġ, l-għalliema għandhom jipprovdu ċertifikat ta' esperjenza bħala sewwieqa professjonali jew esperjenza simili dwar sewqan, bħal ma hi dik tal-għalliema tas-sewqan ta' vetturi kbar.

Il-programm ta' tagħlim għandu jkun skond l-approvazzjoni u għandu jkopri s-suġġetti elenkati fit-Taqsima 1.".